

Brussell, 15 ta' Novembru 2022
(OR. en)

13921/22

RECH 561

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	13573/22
Suġġett:	<i>Thejjiġa tal-Kunsill (Kompetittività (Suq Intern, Industrija, Riċerka u Spazju)) fl-1 u t-2 ta' Diċembru 2022</i> Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Infrastrutturi ta' Riċerka - Approvazzjoni

1. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar iż-Żona Ewropea tar-Riċerka l-Ġdida (ŻER)¹ tal-1 ta' Diċembru 2020, issottolinjaw il-qasam tal-infrastruttura tar-riċerka bħala prijorità għall-iżvilupp tal-Aġenda ta' Politika taż-ŻER u l-ħtieġa għal investimenti sostenibbli dejjiema fl-ekosistema Ewropea tal-RI biex jikkontribwixxu għal riżultati eċċellenti fix-xjenzi fundamentali u applikati.
2. Il-Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Ewropa² tas-26 ta' Novembru 2021 appella għat-tisħiħ tal-integrazzjoni tal-ekosistema tal-infrastruttura Ewropea tar-riċerka biex jiġu massimizzati l-benefiċċji u l-impatti tal-investimenti fl-infrastrutturi tar-riċerka u jiġu pprovduti soluzzjonijiet ibbażati fuq l-għarfien għall-ħtiġijiet soċjetali u ekonomiċi dinjija.
3. Il-Presidenza pproponiet abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Infrastrutturi ta' Riċerka, u l-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka eżamina l-abbozz ta' Konklużjonijiet fil-laqgħat tiegħu fis-6 u s-26 ta' Settembru u t-13 ta' Ottubru 2022.

¹ 13567/20.

² ĠU L 431, 2.12.2021, p. 1-9.

4. Fil-laqgħa tiegħu tat-13 ta' Ottubru, wara l-introduzzjoni ta' għadd ta' modifiki għad-dokument ta' kompromess tal-Presidenza 13159/22, il-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka laħaq qbil dwar il-kontenut tal-abbozz ta' Konklużjonijiet. Dan il-ftehim ġie kkonfermat fl-iskadenza ta' proċedura ta' silenzju li ntemmet fis-17 ta' Ottubru 2022.
 5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mitlub jikkonferma l-qbil milħuq fil-livell tekniku kif jinsab fl-Anness għal din in-nota, bil-ħsieb li jippreżenta l-abbozz ta' Konklużjonijiet għall-approvazzjoni mill-Kunsill (Kompetittività) fit-2 ta' Diċembru 2022.
-

Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Infrastrutturi ta' Riċerka

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea,

Filwaqt li jfakkar:

- fil-Konklużjonijiet tiegħu tal-1 ta' Diċembru 2020 dwar iż-Żona Ewropea tar-Riċerka l-Ġdida (ŻER)³, li jissottolinjaw il-qasam tal-infrastruttura ta' riċerka (IR) bħala prijorità għall-iżvilupp tal-Aġenda ta' Politika taż-ŻER u l-implimentazzjoni tal-Azzjonijiet taż-ŻER, u li jiddeskrivu l-ħtieġa għal investimenti sostenibbli fit-tul fl-ekosistema Ewropea tal-IR biex jikkontribwixxu għal riżultati eċċellenti fix-xjenzi fundamentali u applikati, u jwasslu l-għarfien komprensiv meħtieġ biex jiġu indirizzati l-isfidi preżenti u futuri;
- fil-Konklużjonijiet tiegħu tat-28 ta' Mejju 2021 dwar l-Approfondiment taż-Żona Ewropea tar-Riċerka: *Nagħtu lir-Riċerkaturi Karrieri u Kundizzjonijiet tax-Xogħol Attraenti u Sostenibbli u Nagħmlu ċ-Ċirkolazzjoni tal-Imħuħ Realtà*⁴, li jinnotaw ir-rwol essenzjali li għandhom it-talenti b'livell għoli ta' ħliet fl-operat tal-IR u tal-e-infrastruttura;
- fil-Konklużjonijiet tiegħu tat-28 ta' Settembru 2021 dwar l-Approċċ Globali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni — *L-Istrateġija tal-Ewropa għall-Kooperazzjoni Internazzjonali f'Dinja li qed Tinbidel*⁵, li jenfasizzaw l-importanza tal-ftuħ u l-kooperazzjoni internazzjonali fl-IR għall-avanz tax-xjenza, id-diplomazija dwar ix-xjenza, l-indirizzar tal-isfidi globali u ż-żieda fl-aċċess għall-eċċellenza, u li jinkoraġġixxu lill-Forum Strateġiku Ewropew għall-Infrastrutturi tar-Riċerka (ESFRI) u lill-Kummissjoni biex jappoġġaw l-attivitajiet tal-IR li huma mmirati lejn aktar żvilupp u implimentazzjoni tan-network globali tal-IR f'kooperazzjoni mal-pajjiżi sħab, abbażi ta' valuri u prinċipji fundamentali kondiviżi;

³ 13567/20.

⁴ 9138/21.

⁵ 12301/21.

- fir-Rakkomandazzjoni tiegħu tas-26 ta' Novembru 2021 dwar Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Ewropa⁶ li tinkludi l-IR bħala qasam ta' prijorità għal azzjoni konġunta fl-Unjoni Ewropea (UE) biex ikompli jiġi approfondit suq intern li jiffunzjona għall-għarfien u tappella għat-tiġid tal-integrazzjoni tal-ekosistema Ewropea tal-IR biex jiġu massimizzati l-benefiċċji u l-impatti tal-investimenti fl-IR, u jiġu pprovduti soluzzjonijiet ibbażati fuq l-għarfien għall-ħtiġijiet soċjetali u ekonomiċi globali;
- fil-Konklużjonijiet tiegħu tas-26 ta' Novembru 2021 dwar il-Governanza Futura taż-Żona Ewropea tar-Riċerka⁷, li jistabbilixxu l-Aġenda ta' Politika taż-ŻER għall-perjodu 2022–2024, u li jissuġġerixxu li l-ESFRI jkompli bil-ħidma tiegħu bħala Grupp ta' Esperti indipendenti tal-Kummissjoni, u jikkoordina mill-qrib mal-Forum taż-ŻER u jinfurmah regolarment;
- fil-Konklużjonijiet tiegħu tal-10 ta' Ġunju 2022 dwar il-Missjonijiet Ewropej⁸, li jenfasizzaw l-importanza kritika tal-IR fil-kisba tal-oġġettivi tal-Missjonijiet Ewropej u tal-ESFRI biex jiggwidaw l-iżvilupp strateġiku tax-xenarju Ewropew tal-IR u jrawmu l-kontribut tal-IR għall-implimentazzjoni tal-Missjonijiet Ewropej.

PERSPETTIVI TA' POLITIKA ĠENERALI

1. JIRRIKONOXXI li ekosistema Ewropea tal-IR kompletament funzjonali u operattiva, li tintegra b'mod effiċjenti l-IR Ewropej, nazzjonali, kif ukoll reġjonali ta' diversi daqsijiet, hija pedament vitali fl-iżvilupp ta' ŻER imġedda, għandha rwol ċentrali fil-kapaċità tal-Ewropa li tipprovdi soluzzjonijiet ibbażati fuq l-għarfien għal sfidi soċjetali kbar, li tappoġġa l-prijoritajiet ġenerali tal-UE u tikkontribwixxi għall-prosperità u l-benesseri fl-Ewropa.

⁶ ĠU L 431, 2.12.2021, p. 1-9.

⁷ 14308/2021.

⁸ 10124/22.

2. JAQBEL li l-IR jikkostitwixxu pilastru fundamentali tal-ekosistemi tar-riċerka u l-innovazzjoni (R&I) fl-Istati Membri u fl-UE kollha kemm hi, li jipprovdu lir-riċerkaturi, innovaturi u partijiet interessati oħra b'għarfien u għarfien espert uniċi, apparat sperimentali u riżorsi tekniċi, u għabriet estensivi ta' settijiet ta' data u servizzi relatati tal-ICT u tal-informatika, li huma meħtieġa biex titwettaq riċerka fundamentali u applikata mill-aktar avvanzata, li testendi l-fruntieri tal-għarfien, u biex jiġu żviluppati teknoloġiji tal-ogħla livell, li jikkontribwixxu għall-innovazzjonijiet; JIRRIKONOXXI r-rwol tal-IR fil-promozzjoni tal-eċċellenza fir-R&I u fl-għajjnuna lir-riċerkaturi, l-innovaturi u partijiet ikkonċernati oħra Ewropej biex isiru aktar kompetittivi fl-livell globali.
3. JISSOTTOLINJA l-benefiċċji u l-impatti tal-investimenti pubbliċi fl-IR fuq l-industriji, l-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju (SMEs) u atturi rilevanti oħra, permezz ta' attivitajiet bħall-aċċess proprjetarju għall-IR, ir-riċerka kuntrattwali, ir-R&I konġunti, it-taħriġ u l-industrija, u l-provvista ta' prodotti u servizzi tal-ogħla klassi lill-IR; jenfasizza l-importanza ta' aktar żvilupp tal-kapaċitajiet u tas-servizzi tal-IR li jindirizzaw il-ħtiġijiet tas-settur privat sabiex tissaħħaħ il-kompetittività Ewropea.
4. JAGĦRAF li, lil hinn mill-missjonijiet fundamentali tagħhom fl-oqsma tar-R&I, l-IR ankrati nazzjonalment u reġjonalment jaġixxu bħala amplifikatur għall-iżvilupp reġjonali, meta joffru impjiegi bi kwalifiki għoljin, inkluż il-pożizzjonijiet maniġerjali, xjentifiċi, tekniċi, amministrattivi u oħrajn, u jagħtu spinta lill-iżvilupp tas-siti u r-reġjuni ġirien tagħhom billi jstimulaw l-iżvilupp ta' negozji ġodda, ktajjen tal-provvista, infrastruttura ċivili u servizzi relatati, u b'hekk isawru l-istrateġiji ekonomiċi reġjonali.
5. JIRRIKONOXXI l-importanza ta' aktar tisħiħ u faċilitazzjoni ta' aċċess usa' għall-IR; JAGĦRAF li distribuzzjoni aktar bilanċjata ta' IR eċċellenti madwar l-Ewropa u l-konstruzzjoni ta' IR ankrati fil-livell nazzjonali u reġjonali inkorporati fl-Istrateġiji ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti tal-pajjiżi u r-reġjuni ospitanti tagħhom għandhom potenzjal kbir biex jaċċelleraw l-għeluq tad-distakk fir-R&I, irawmu atteġġjament miftuħ, jaħdsu l-potenzjal sħiħ tal-eċċellenza tar-R&I u jżidu l-koeżjoni fl-Ewropa.

6. JISTIEDEN lill-ESFRI biex jeżamina l-approċi mill-Istati Membri, il-Kummissjoni, l-organizzazzjonijiet internazzjonali u l-IR biex jivvalutaw l-impatti xjentifiċi, soċjetali u ekonomiċi tal-investimenti fl-IR, jidentifika prattiki tajbin, jiżviluppa qafas ta' monitoraġġ, jittestjah u jelabora rakkomandazzjonijiet lill-partijiet ikkonċernati nazzjonali u reġjonali tal-IR sa tmiem l-2023.
7. JIRRIKONOXXI l-politiki ta' aċċess miftuħ tal-IR bħala kontribut ewlieni biex jiġu stimulat l-għarfien u ċ-ċirkolazzjoni tal-imħuħ, jiġi promoss taħriġ ta' kwalità għolja u speċjalizzat għall-istudenti, ir-riċerkaturi, l-innovaturi, il-manigera u t-tekniki, tissaħħaħ il-mobbiltà intersettorjali u internazzjonali, u jiġu attirati studenti b'talent, riċerkaturi fil-bidu tal-karriera, xjentisti ewlenin, innovaturi u imprendituri b'livell għoli ta' ħiliet mid-dinja kollha lejn l-Ewropa, biex b'hekk tissaħħaħ il-kollaborazzjoni internazzjonali tal-Ewropa fir-R&I u tissaħħaħ il-kompetittività tal-ekosistema Ewropea tar-R&I globalment.
8. JISSOTTOLINJA l-importanza tat-taħriġ professjonali tal-persunal inkarigat mill-IR għall-iżvilupp tal-għarfien u l-kompetenzi tiegħu; JISTIEDEN lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jesploraw għażliet għal approċċ komuni għall-persunal tal-IR, speċjalment fil-każ ta' Konsorzju għal Infrastruttura Ewropea ta' Riċerka (ERIC).
9. JIRRIKONOXXI li kemm l-IR kif ukoll l-infrastrutturi ta' teknoloġija huma parti mill-istess ekosistema tal-infrastruttura; JISSOTTOLINJA li l-immappjar tal-ħtiġijiet tal-utenti għal infrastrutturi ta' teknoloġija, b'kont meħud tal-ħidma rilevanti tal-ESFRI, huwa wieħed mill-prerekwiżiti għall-identifikazzjoni ta' triq 'il quddiem għall-implimentazzjoni tal-kunċett ta' infrastruttura ta' teknoloġija fl-Aġenda ta' Politika taż-ŻER u punt tat-tluq għal kwalunkwe strateġija u attività futura.

KONVERĠENZA TAL-INFRASTRUTTURA TA' RIĊERKA U POLITIKI SETTORJALI OĦRA

10. JISSOTTOLINJA l-potenzjal tal-IR, li jintegraw varjetà kbira ta' partijiet ikkonċernati, inkluż barra r-R&I, u li jipprovdu servizzi multidixxiplinari orjentati lejn is-soluzzjonijiet, fil-kontribut għall-konverġenza tal-politiki tar-R&I ma' politiki settorjali oħra; IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex permezz tal-ESFRI jidentifikaw kif l-IR jistgħu jikkontribwixxu bl-aħjar mod għall-implimentazzjoni ta' Orizzont Ewropa u, b'mod partikolari, ta' Sħubijiet u Missjonijiet Ewropej, u inizjattivi bħall-pjanijiet direzzjonali tat-teknoloġija industrijali.
11. IĦEĠĠEĠ lill-IR biex ifasslu servizzi ġodda bbażati fuq missjonijiet differenti ta' IR, u biex jikkontribwixxu għall-obiettivi ta' politika usa' Ewropej u globali, bħat-tranżizzjoni ekoloġika, it-trasformazzjoni diġitali u r-reżiljenza tal-ekonomija tal-UE, u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, fl-aġendi strateġiċi tal-IR sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-IR.

L-INTEGRAZZJONI TAL-INFRASTRUTTURI TA' RIĊERKA FIR-RISPONS TAL-UE GĦALL-KRIŻIJET

12. JAPPREZZA t-talba immedjata għal azzjoni mill-ESFRI, u r-reazzjoni bikrija u l-kontribut essenzjali mill-IR Ewropej, nazzjonali u reġjonali biex tiġi indirizzata l-kriżi tal-pandemija tal-COVID-19; JILQA' B'SODISFAZZJON l-adattament tal-IR għal kondizzjonijiet bla preċedent ta' operat, biex ikomplu jservu lill-utenti minkejja l-miżuri ta' konteniment, biex jimplimentaw modi innovattivi ta' operat, li jippermettu aċċess rapidu, mill-bogħod u virtwali, biex jipprovdu linji bażi ġodda għall-programmi għall-utent f'konformità mal-ħtiġijiet urġenti tas-soċjetà u biex jagħtu prijorità lill-esperimenti tal-utenti ta' rilevanza kritika.

13. JIRRIKONOXXI li l-ekosistema Ewropea tal-IR, bħala parti mir-rispons ġenerali tal-UE għall-kriżijiet, uriet li tinsab lesta biex takkomoda kriżijiet mhux mistennija; IQIS l-ekosistema Ewropea tal-IR bħala komponent ewlieni għall-irkupru ta' wara l-kriżijiet b'potenzjal kbir li ssaħħaħ ir-reżiljenza u t-tnejjija tas-soċjetà Ewropea sabiex tlaħħaq ma' kwalunkwe kriżi preżenti u futura; JAPPELLA lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni permezz tal-ESFRI, kif ukoll lill-IR, biex jellaboraw dwar xenarji biex jimmaniġġjaw kriżijiet possibbli li ġejjin, inkluż diffikultajiet fil-provvista tal-enerġija.

L-IŻGURAR TAS-SOSTENIBBILTÀ FIT-TUL TAL-INFRASTRUTTURI TA' RIĊERKA EWROPEJ

14. JIRRIKONOXXI li l-finanzjament tal-IR jirrikjedi investimenti strateġiċi matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-IR, inkluż il-fażijiet tal-iżvilupp tal-kunċett, it-tfassil, it-tnejjija, l-implimentazzjoni, il-kostruzzjoni, l-operat, it-titjib maġġuri, l-orjentazzjoni mill-ġdid, id-dekummissjonar u t-terminazzjoni, li jinfirex fuq għexieren ta' snin; JINKORAĠĠIXXI lill-Istati Membri biex jiffurmaw impenn politiku sostenibbli dwar il-finanzjament fit-tul tal-IR, biex b'hekk jiġi ffaċilitat ippjanar finanzjarju stabbli, affidabbli u prevedibbli tal-IR u l-iżvilupp tagħhom, inkluż permezz tal-użu ta' programmi tal-UE taħt ġestjoni kondiviża u JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tappoġġahom f'dawk l-isforzi.
15. JISTIEDEN lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni permezz tal-ESFRI biex iwettqu analiżi tat-tipi ta' appoġġ finanzjarju lill-IR Ewropej matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, jidentifikaw prattiki tajbin u sinerġiji ta' diversi riżorsi ta' finanzjament tal-IR, u jesploraw mudelli ta' finanzjament xierqa tal-IR u inizjattivi korrispondenti ta' finanzjament tal-IR.
16. JAPPELLA lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni għal sforzi kkoordinati fl-ispirtu tat-tfassil konġunt, tal-kokreazzjoni u tal-implimentazzjoni konġunta tagħhom biex jippromwovu u javvanzaw sinerġiji fil-finanzjament tal-IR fil-livell reġjonali, nazzjonali, makroreġjonali u Ewropew biex tiżdied l-effiċjenza tal-investimenti fl-IR.

17. JENFASIZZA r-rwol vitali ta' persunal b'ħiliet għolja fil-bini u t-tħaddim tal-IR, u fil-qadi tal-utenti u fl-issodisfar tal-ħtiġijiet tagħhom; ITENNI l-istedina tal-Kunsill lill-Kummissjoni biex tippreżenta inizjattiva għal qafas Ewropew dwar il-karrieri fir-riċerka.
18. JENFASIZZA li s-sostenibbiltà fit-tul tal-IR mhijiex biss il-kunsiderazzjonijiet finanzjarji jew ta' riżorsi umani imma wkoll l-impatt ambjentali tagħhom li għandu jitqies ukoll; JISTIENEN lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni, permezz tal-ESFRI, kif ukoll l-IR, jirriflettu dwar dan l-impatt u jiżviluppaw metodi għall-kejl tiegħu.

L-AVVANZ TAL-EKOSISTEMA TAL-INFRASTRUTTURA TA' RIĊERKA FL-EWROPA

19. JISTIENEN lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lill-partijiet ikkonċernati jipproċedu malajr bl-implimentazzjoni tal-Aġenda ta' Politika taż-ŻER għall-perjodu 2022–2024 u, b'mod partikolari, l-Azzjoni 8 taż-ŻER ("It-tishiġ tas-sostenibbiltà, l-aċċessibbiltà u r-reżiljenza tal-IR fiż-ŻER"- traduzzjoni mhux uffiċjali) u attivitajiet oħra dwar il-pjan ta' ħidma tal-ESFRI għall-2022–2023; JISTIENEN lill-Kummissjoni tiżgura li l-ESFRI jkun involut mill-qrib fil-ħidma tal-Forum taż-ŻER meta jkun rilevanti, li huwa essenzjali għal skambju u kontribut effettivi tal-IR għall-implimentazzjoni taż-ŻER.
20. JISSOTTOLINJA r-rwol tal-ESFRI fl-attivazzjoni u l-istrutturar ta' approċċi kkoordinati kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak nazzjonali għat-tfassil tal-politika tal-IR, li jirriżulta, fost l-oħrajn, fi proċessi ta' ppjanar direzzjonali u tfassil, li jwasslu għal tfassil ta' politika tal-IR aktar koerenti fl-Ewropa; f'dan ir-rigward, JIKKUNSIDRA li hija meħtieġa koordinazzjoni bejn l-ESFRI u l-Bord ta' Tmexxija tal-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa (EOSC); JISTIENEN lill-Istati Membri biex isaħħu l-isforzi tagħhom diretti lejn l-ippjanar direzzjonali u t-tfassil tal-IR, filwaqt li jikkunsidraw linji gwida, rakkomandazzjonijiet u prattiki tajba żviluppati permezz tal-ESFRI, u filwaqt li jirrispettaw id-diversità nazzjonali.
21. JISTIENEN lill-Istati Membri jwettqu eżerċizzji ta' monitoraġġ tal-IR ibbażati fuq analiżi bejn il-pari f'konformità mal-prattiki tajbin tal-ESFRI u abbażi ta' sett ta' kriterji, inkluż il-kuntest, in-narrattivi u l-indikaturi maniġerjali, xjentifiċi, tekniċi, finanzjarji u oħrajn, li permezz tagħhom il-progress u l-prestazzjoni tal-IR matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom jistgħu jiġu mmonitorjati kif xieraq.

22. IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jipprovdu inċentivi, inkluż dawk finanzjarji, lill-operaturi tal-IR biex ikomplu n-networking, ir-raggruppament, l-assoċjazzjoni, u, jekk xieraq, jiżviluppaw xenarji għall-integrazzjoni u saħansitra l-amalgamazzjoni tal-faċilitajiet tagħhom, u tal-ħiliet u l-kapaċitajiet tal-IR fid-dixxiplini xjentifiċi u l-oqsma tar-riċerka fil-livelli reġjonali, nazzjonali u Ewropej għall-promozzjoni tal-konsolidazzjoni tal-ekosistema Ewropea tal-IR.

L-IŻVILUPP TAL-INFRASTRUTTURA EWROPEA GĦAD-DATA XJENTIFIKA U T-TRANŻIZZJONI DIĠITALI

23. JIRRIKONOXXI r-rwol kritiku tal-IR fil-produzzjoni, il-ġbir, l-ipproċessar, il-ħżin u l-forniment ta' data xjentifika ċertifikata ta' kwalità f'konformità mal-prinċipji FAIR (*Traċċabbli, Aċċessibbli, Interoperabbli u Riutilizzabbli*), biex b'hekk jiġi ffaċilitat l-użu ta' tali data f'firxa wiesgħa ta' oqsma dixxiplinarji u internazzjonalment, u jingħata kontribut fundamentali għall-implimentazzjoni tal-EOSC u tal-politika tax-xjenza miftuħa.
24. IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jippromwov u l-iżvilupp ta' data nazzjonali u e-infrastrutturi billi jimmobilizzaw finanzjament reġjonali, nazzjonali u tal-UE; JIRRIKONOXXI l-pjanijiet ta' ġestjoni tad-data FAIR bħala komponenti essenzjali tal-organizzazzjonijiet abilitanti u li jwettqu r-riċerka; u JINKORAĠĠIXXI lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jippromwov u l-investiment fl-edukazzjoni u t-taħriġ ta' kuraturi tad-data xjentifika; JISTIENEN lill-Istati Membri jiffederaw id-data u l-e-infrastrutturi reġjonali u nazzjonali tagħhom fi ħdan l-EOSC.
25. JAGĦRAF il-fatt li l-EOSC qed jiġi żviluppat f'ambjent kumpless b'kostitwenti Ewropej, nazzjonali u reġjonali li jinvolvi komponenti ġeneriċi u tematiċi b'livelli differenti ta' maturità u prijoritajiet; JIRRIKONOXXI r-rwol ewlieni tal-ESFRI u l-IR tematiċi li jaħdmu flimkien mal-iżviluppaturi u l-operaturi ewlenin tal-EOSC biex iħaffu l-implimentazzjoni tal-politika tax-xjenza miftuħa u l-ġestjoni tad-data FAIR, u biex jippromwov u R&I interdixxiplinarja fl-Ewropa.

26. JIRRIKONOXXI t-tranżizzjoni diġitali bħala opportunità ewlenija għall-iżvilupp, l-aċċessibbiltà, l-interoperabbiltà u l-integrazzjoni tal-IR fl-ekosistema diġitali Ewropea u globali tar-R&I; JISTIENEN lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jippromwovu d-diġitalizzazzjoni tal-IR matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tagħhom.

IT-TISĦIĦ TAL-FORUM STRATEĠIKU EWROPEW GĦALL-INFRASTRUTTURI TAR-RIĊERKA

27. JIRRIKONOXXI l-pożizzjoni essenzjali tal-ESFRI bħala forum strateġiku, immexxi mill-Istati Membri, biex iwettaq djalogu regolari, miftuħ u strutturat mal-partijiet ikkonċernati Ewropej tal-IR u r-R&I permezz tal-Forum tal-Partijiet Interessati tal-ESFRI sabiex jiġu analizzati l-ħtiġijiet u l-konġestjonijiet tagħhom u biex l-Istati Membri u l-Kummissjoni jingħataw pariri bbażati fuq l-evidenza u f'waqthom, u viżjoni strateġika għal żvilupp sostenibbli effettiv fit-tul tal-ekosistema tal-IR fl-Ewropa; JILQA' B'SODISFAZZJON il-konsiderazzjonijiet tal-ESFRI dwar kif l-aħjar jiġu involuti pajjiżi assoċjati, partijiet ikkonċernati u pajjiżi terzi rilevanti fuq approċċ skont il-każ ibbażat fuq valuri u prinċipji fundamentali kondiviżi.
28. JAPPREZZA li l-ESFRI jopera abbażi ta' kunsens, billi jintegra l-fehmiet tal-membri kollha tiegħu, filwaqt li jirrispetta d-diversità ġeografika, ekonomika, soċjetali u kulturali fl-Ewropa, u b'hekk jippermetti li jinstabu soluzzjonijiet ibbażati fuq il-prinċipju ta' ġeometrija varjabbli filwaqt li jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet makroreġjonali u Ewropej komuni, abbażi tal-eċċellenza xjentifika, u jippromwovi l-koeżjoni u l-inklużività.
29. JISTIENEN lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni permezz tal-ESFRI jwettqu analiżi komprensiva tax-xenarju Ewropew tal-IR bl-għan li jidentifikaw is-sinerġiji u l-komplementarjetajiet eżistenti, jesponu nuqqasijiet u lakuni persistenti, u jipproponu titjib dwar l-aċċessibbiltà, in-networking, ir-raggruppament, l-assoċjazzjoni u saħansitra l-amalgamazzjoni ta' IR Ewropej, nazzjonali u reġjonali, u l-integrazzjoni aktar profonda tagħhom f'ekosistema tal-IR Ewropea kompletament funzjonali u interoperabbli; JISTIENEN lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni permezz tal-ESFRI jippubblikaw l-eżiti tal-analiżi tax-xenarju Ewropew tal-IR, filwaqt li jqisu r-riżultati tal-proċess ta' monitoraġġ kontinwu mwettaq mill-ESFRI; JISTIENEN lill-Istati Membri biex jikkunsidraw fuq bażi volontarja li jadottaw il-metodoloġija ta' monitoraġġ tal-ESFRI kif adatt.

30. JISTIENEN lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex permezz tal-ESFRI jiżviluppaw l-edizzjoni li jmiss tal-*Pjan Direzzjonali tal-ESFRI*, inkluż rapport ta' strateġija dwar l-ekosistema Ewropea tal-IR, orjentazzjonijiet strateġiċi għall-iżvilupp futur tal-aġenda Ewropea tal-IR, u ħarsa ġenerali lejn il-Proġetti u xenarju tal-ESFRI, u jipubblikaw il-*Pjan Direzzjonali tal-ESFRI* qabel tmiem l-2025.
31. JIEĦU NOTA tal-ħidma li għaddejja mill-ESFRI biex jesplora, janalizza u jikkunsidra għażziet vijabbli għal struttura ta' appoġġ sostenibbli msaħħa u fit-tul tal-ESFRI, biex b'hekk tissaħħa il-kapaċità tiegħu li jagħti pariri strateġiċi komprensivi fil-kuntest tal-espansjoni u l-maturazzjoni tax-xenarju Ewropew tal-IR, inkluż l-EOSC u l-e-infrastrutturi, u l-kumplessità dejjem tikber tal-ekosistema tal-infrastruttura Ewropea u l-Aġenda ta' Politika taż-ŻER u l-ħtieġa li jiġu appoġġati l-prijoritajiet ġenerali tal-UE.

L-EVOLUZZJONI TAL-KARTA EWROPEA GĦALL-AĊĊESS GĦALL-INFRASTRUTTURI TA' RIĊERKA

32. JISTIENEN lill-Kummissjoni tippreżenta inizzjattiva, wara l-konsultazzjoni fi ħdan l-ESFRI, dwar *Karta Ewropea riveduta għall-Aċċess għall-Infrastrutturi ta' Riċerka* sa tmiem l-2023 fid-dawl tal-ekosistema Ewropea u x-xenarju tal-faċilitajiet tal-IR li qed jevolvu, li jakkomodaw l-istrateġiji tal-utenti u l-politiki ta' aċċess tagħhom għal operazzjonijiet taħt diversi mudelli ta' negozju, iservu lill-utenti fil-modi ta' aċċess fiżiku, remot u virtwali permezz ta' konnettività sigura, u jippermettu aċċess orjentat lejn il-missjoni u rapidu għat-twettiq ta' esperimenti u t-twettiq ta' studji ta' rilevanza soċjetali u ekonomika urġenti.

IT-TISĦIĦ TAL-QAFAS EWROPEW TAL-INFRASTRUTTURA TA' RIĊERKA

33. JAFFERMA MILL-ĠDID ir-rilevanza tal-Qafas ERIC biex jippermetti l-istabbiliment ta' entitajiet operattivi tal-IR; JIRRIKONOXXI l-progress li sar mal-25 ERIC stabbilit mid-dħul fis-seħħ tiegħu; JIEĦU NOTA tal-valutazzjoni tal-Qafas ERIC mill-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni, il-kontribuzzjoni mill-ESFRI u r-rapport tal-Kummissjoni dwar il-Qafas ERIC; JISTIEDEN lill-Kummissjoni tipproponi inizzjattiva sa tmiem l-2023 dwar l-evoluzzjoni possibbli tal-Qafas ERIC, b'kont meħud ta' dawn il-Konklużjonijiet u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-ESFRI u l-Kumitat ERIC filwaqt li tikkunsidra l-għarfien espert tal-Forum ERIC.

L-IŻVILUPP TAL-EKOSISTEMA GLOBALI TAL-INFRASTRUTTURA TA' RIĊERKA

34. JIEĦU NOTA tal-eżiti tal-*Konferenza Internazzjonali dwar l-Infrastrutturi ta' Riċerka* (ICRI), li saret f'Brno taħt l-awspiċi tal-Presidenza tar-Repubblika Ċeka tal-Kunsill tal-UE mid-19 sal-21 ta' Ottubru 2022; JILQA' B'SODISFAZZJON id-*Dikjarazzjoni ta' Brno dwar it-Trawwim ta' Ekosistema Globali tal-Infrastrutturi ta' Riċerka*.
35. JAPPELLA lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex, permezz tal-ESFRI, jelaboraw metodu biex jiġi mmappjat ix-xenarju globali tal-IR, li jgħaqqad l-IR Ewropej, nazzjonali u reġjonali b'mod multidixxiplinarju u transsettorjali mal-livelli makroreġjonali u globali, u jikkunsidraw skemi ta' kooperazzjoni b'kont meħud tal-prijoritajiet politiċi tar-relazzjonijiet esterni tal-UE u bbażati fuq il-valuri u l-prinċipji tal-UE għall-kooperazzjoni internazzjonali fir-R&I, inkluż il-prinċipju tal-ftuħ reċiproku bbilanċjat, il-promozzjoni ta' kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u mirfuda minn kundizzjonijiet qafas komuni.
36. JISTIEDEN lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex permezz tal-ESFRI jintensifikaw il-kondiviżjoni ta' esperjenzi u l-iskambju ta' prattiki tajba fil-livell Ewropew u globali fl-oqsma tat-tfassil tal-politika tal-IR, il-finanzjament, l-ippjanar direzzjonali, l-analiżi tat-tfassil, l-istrateġiji tal-utenti, il-politiki ta' aċċess, il-governanza, il-ġestjoni, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni, u b'hekk jippromwovu u jiffaċilitaw il-kooperazzjoni internazzjonali bejn l-IR, u jikkontribwixxu għal dibattiti strateġiċi ta' livell għoli li għandhom isiru f'fora internazzjonali rilevanti, b'mod partikolari fl-ICRI ta' kull sentejn.